MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Avviz Numru. 498/2004

**Fondazzjoni ghas-Servizzi ta' Hidma Socjali**

**Vs**

**Anna Maria Laurenti**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma kumplessiva ta' erbat elef mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM4,125) rapprezentanti nofs il-paga tal-konvenuta li ghaliha kien ikollha jedd kieku baqghet fis-servizz ghall-bqija taz-zmien hekk espresament miftiehem fil-kuntratt ta' servizz datat 9 ta' Frar, 2001. Dan l-ammont huwa dovut ai termini tal-Artikolu 36(12) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi l-istess

konvenuta telqet mill-imsemmi servizz tal-Fondazzjoni attrici qabel iz-zmien specifikat fil-kuntratt minghajr ebda raguni tajba u bizzejjed fil-ligi.

Bl-ispejjez, inkluz tal-prezenti u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta Dr. Anna Maria Laurenti fejn esponiet:

1. Illi l-ammont pretiz fl-avviz, u/jew xi ammont iehor verjuri, mhux dovut stante illi kien hemm raguni tajba u bizzejjed sabiex il-konvenuta titlaq mis-servizz u dan ai termini ta' subinciz (14) ta' artikolu 36 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Il-Fondazzjoni attrici u cioe', l-Fondazzjoni ghas-Servizzi ta' Hidma Socjali mpjegaw lil konvenuta, Dottor Anna Maria Laurenti, psikologa klinika, bhala Youth Services Consultant ghal kuntratt ta' impjieg definit ta' tlett (3) snin u dan b'effett mill-1 ta'

Marzu 2001[1], sabiex tidderigi u tmexxi l-programm bl-isem ta' Formula One[2] fejn zaghzagh subien residenti bi problemi fl-imgieba taghhom jistghu jinghataw servizz.[3]

2. Klawsola 2 tal-kuntratt tal-impjieg tghid *inter alia* hekk :

*«The main duties and responsibilities for which the Office will be held accountable, are as outlined in Appendix B to this agreement. Duties and responsibilites will be periodicaly revised to prevalent exigencies of the employer.*

*In the execution of these duties and responsibilities, the Officer is accountable to the Chief Executive Officer of the Social Welfare Development Programme, or any other officer so delegated by the Chief Executive Officer. … … »*

3. Sfortunatament hadd mill-kontendenti ma ezebixxa Appendix B li kien hemm anness ma' dan il-kuntratt ta' impjieg, imsemmi fi Klawsola 2, pero Joseph Gerada, ic-Chief Executive Officer jghid illi il-konvenuta kellha responsabilitajiet kemm amministrattivi u kemm klinici.[4]

4. Il-konvenuta kellha maghha team ta' esperti u kollha flimkien stabilixxew il-*policy* ta' dan il-programm.

5. Instab post Birkirkara, li gie refurbished, u beda jigi ingaggat l-*istaff* – fil-parti l-kbira tieghu gradwati tal-Universita.

6. Sussegwentement bdew jidhlu klijenti tal-istess programm, li kien ta' forma residenzjali. Ghal bidu kien hemm erba (4) jew hamsa (5). B'kollox il-programm kellu suppost jiehu massimu ta' madwar disgha (9) klijenti residenzjali.

7. Apparti l-konvenuta u t-team taghha, kien hemm, gerarikament fuqha kien hemm mis-S*ervice Manager*, Brian Magro, fuqu kien hemm l-*Operations Manager*, u fuqhom kollha kien hemm ic-*Chief Executive Officer*, Joseph Gerada.[5] Naturalment, il-Fondazzjoni kellha d-dipartiment taghha tal-*Human Resources.*

8. Fit-28 ta' Frar 2003 il-konvenuta ssottomettiet ir-rizenja taghha minghajr ma' tat l-ebda raguni b'effett mis-26 ta' Marzu 2003.[6]

9. Fin-nota ta' eccezzjonijiet taghha, il-konvenuta eccepiet li hi kellha raguni tajba u bizzejjed biex titlaq mis-servizz, u spjegat ir-ragunijiet taghha fid-dettal waqt ix-xhieda taghha.

---

[1] Ara fol. 32 tal-process.
[2] Ara x-xhieda ta' Yvonne Mallia a fol. 22 tal-process.
[3] Ara x-xhieda ta' Joseph Gerada a fol. 14 tal-process.
[4] Ara x-xhieda ta' Joseph Gerada a fol. 14 tal-process.
[5] Ara x-xhieda ta' Anna Maria Laurenti a fol. 118 tal-process.
[6] Ara fol. 31 tal-process.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Id-disposizzjonijiet tal-ligi li jirregolaw il-kaz *de quo* huma l-Artikoli 36 (12) u (14) tal-Kapitlou 452 tal-Ligijiet ta' Malta :

L-Artikolu 36(12) jippreskrivi illi: *« Impjegat li jitlaq mis-servizz tal-prinċipal tiegħu qabel iż-żmien speċifikat fil-kuntratt ta' servizz għandu jħallas lill-prinċipal tiegħu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li għaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz għall-bqija taż-żmien hekk espressament miftiehem … …"*

L-Artikolu 36(14) jippreskrivi: *"Minkejja d-disposizzjonijiet ta' hawn qabel ta' dan l-artikolu, prinċipal jista' jibgħat impjegat u l-impjegat jista' jitlaq is-servizz tal-prinċipal, mingħajr ma jagħti avviż u mingħajr ebda obbligu li jagħmel ħlas kif dispost fis-subartikoli (10), (11) u (12) jekk ikun hemm raġuni tajba u biżżejjed biex dak l-impjegat jintbagħat jew jitlaq mis-servizz"*

Ovvjament jinkombi lill-konvenuta li tipprova, sal-grad rikjest fil-kamp civili, li kellha 'raguni tajba u bizzejjed' sabiex titlaq mis-servizz ta' kuntratt definit.

Bazikament mix-xhieda tal-konvenuta, l-ilmenti taghha kontra l-fondazzjoni jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. Il-konvenuta tallega li qabel giet ingaggata is-CEO Joseph Gerada wieghdha li kienet se tkun awtonoma fix-xoghol taghha u setghet timmaniggja l-programm *"as I thought fit."*

2. Il-konvenuta skontrat problemi mas-CEO, Joseph Gerada rigward il-budget, ghax biex tixtri l-affarijiet kellha bzonn l-approvazzjoni tas-CEO, li gieli qalilha li ma kienx hemm finanzi.

3. Il-konvenuta ma kelliex effettivament il-manniggjar tal-programm ghax dan kien f'idejn il-management tal-Fondazzjoni, u anke meta jkollha bzonn *handyman* kellha titlob il-permess tal-management, u gieli damet xahar tistenna.

4. Il-konvenuta skontrat problemi fuq il-*levels of staff,* cioe in-numru ta' staff li jkun prezenti fil-*premises.*[7]

5. Il-konvenuta skontrat problemi fuq l-impjegar ta' haddiema a bazi part-time, li riedu jghaddu mill-procedura tad-departiment tal-*Human Resources,* li kienu jdumu.

8. Kien hemm zewg incidenti separati rigwardanti allegati abbuzi ta' zewg membri tal-istaff, li l-konvenuta ma kienitx kuntenta kif gew indirizzati mid-dipartiment tal-Human Resources, u mis-superjuri taghha.

9. Il-konvenuta ma qablitx ukoll mas-superjuri taghha kellha ssir valutazzjoni tal-programm.

10. Il-konvenuta tghid li s-sitwazzjoni kienet saret insostenibbli ghaliex skont hi kellha terfa' r-responsabbilita tal-programm kif ukoll tal-adoloxxenti li kienu inseriti fih, waqt li tnehhietilha kull awtorita li tiehu decizjonijiet.[8]

11. Il-konvenuta ma tat l-ebda ragunijiet fl-ittra ta' rizenja taghha ghaliex hija kienet izzomm lil Joseph Gerada up to date b'kollox li jsir u ghaliex ma hasietx il-htiega li taghti spjegazzjoni.

Id-dmirijiet u r-responsabbilitajiet tal-konvenuta kienu elenkati fl-Appendici B tal-kuntratt tal-impjieg tal-konvenuta. Kif diga gie osservat iktar il-fuq, dan l-Appendici ma gie ezebit minn hadd mill-kontendenti. Pero, fl-istess hin, klawsola 2 tal-kuntratt tghid li *"Duties and responsibilites will be periodically revised according to prevalent exigencies of the employer."* Ghalhekk l-Appendici B ma kienx jelenka r-responsabbilitajiet tal-konvenuta b'mod tassattiv.

Fix-xhieda taghha l-konvenuta tghid li hija kienet ser tkun, *'...awtonoma fid-decizjonijiet per ezempju anki bhala budget.'*[9] Izda l-problema li giet rinfaccata biha kienet meta hija kienet turi l-quotations lil Joseph Gerada, ic-Chief Executive Officer tal-fondazzjoni attrici u hu, *'...kien jghidli le, issa ma ghandiex flus, pero' f'certu okkazzjonijiet kien jghidilna kollox sew in rigward certu suppliers, kienu jigu l-affarijiet pero' ma jithallsux.'*[10] Pero it-tieni paragrafu tat-tieni klawzola tal-kuntratt tal-impjieg jistipola li '*In the execution of these duties and responsibilities, the Officer is accountable to the Chief Executive Officer of the Social Welfare Development Programme, or any other officer so delegated by*

---

[7] Ara xhieda ta' Anna Maria Laurenti a fol. 81 tal-process.
[8] Ara xhieda ta' Anna Maria Laurenti a fol. 82 tal-process.
[9] Ara x-xhieda ta' Anna Maria Laurenti a fol. 50 tal-process.
[10] Ara x-xhieda ta' Anna Maria Laurenti a fol. 50 tal-process.

*the Chief Executive Officer.'*[11] Illi ghalhekk jidher car illi nonostante x'kienu d-dmirijiet u r-responsabilitajiet taghha, l-konvenuta xorta wahda kellha tirrispondi lic-Chief Executive Officer, jew xi ufficcjal iehor delegat minnu. Ghalhekk meta hija kienet tmur u taghtih il-quotations, l-ahhar kelma ta' x'kien se jigi mixtri jew le kellha ta' bilfors tkun tac-Chief Executive Officer u mhux taghha.

Nonostante dan kollu, l-fondazzjoni attrici pprezentat diversi invoices fosthom tal-ghamara fejn hemm isem il-konvenuta mnizzla fl-invoices.[12] Illi rigward dawn l-invoices il-konvenuta qalet, «*Jiena kont involuta per ezempju pero' fir-refurbishing tal-post. Per ezempju qed issir referenza ghall-invoice dwar armchairs u sofas. F'dawn kont involuta anki meta saru l-quotations. L-iktar li kont involuta fil-quotations kienet fl-ghamara. Tista' tghid ghalhekk illi jiena generalment kont involuta fl-armar tal-post.* »[13] Fil-fatt il-konvenuta ziedet tghid in kontro-ezami, « *Hu minnu illi mhux kull darba illi kont issottomettejt quotation din giet rifjutata. Pero' xi drabi, wara li saret id-diskussjoni fuq quotation, is-Sur Gerada kien jghidli, issa m'hemmx flus ghalihom.* » Certament, il-konvenuta ma kienetx qeghda tkun ragonevoli jekk kienet qed tistenna li c-Chief Executive Officer ikun semplicement *rubberstamp,* li japprova kull *quotation* li l-konvenuta tipprezentalu.

Rigward l-ilmenti tal-konvenuta dwar ir-reklutagg tal-istaff, huwa ovvju li f'kull organizzazzjoni l-ingagg tal-istaff irid jghaddi mill-procedura tal-*Human Resources*. Anke jekk fil-kaz odjern, dan id-dipartiment ma kienx qed ikun efficjenti daqs kemm ippretendiet il-konvenuta, ir-rimedju tal-konvenuta kien li tirrapporta lic-CEO, imbaghad jekk jibqa' ma jsir xejn, kienet responsabbilita tal-Fondazzjoni u mhux taghha.

Il-konvenuta tilmenta wkoll mill-fatt li l-istaff kellhom '*first degree in psychology, izda minghajr esperjenza'* u ghalhekk hija kellha toqghod taghmel supervizjoni tal-istaff. Fuq din kien ikollha argumenti mas-CEO, li kien jikkritikaha li kienet qed tahli l-hin taghmel hi stess supervizjoni tal-istaff. Kif diga inghad, ic-CEO kien is-superjur tal-konvenuta, u jekk hu ma ridhiex taghmel dan ix-xoghol, kellha tieqaf.

---

[11] Ara fol. 38 tal-process.
[12] Ara fol. 104-112 tal-process.
[13] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta' Anna Maria Laurenti a fol. 119 tal-process.

Probabbilment, l-ikbar zewg problemi kienu z-zewg kazijiet separati ta' abbuz mill-istaff fuq iz-zghazagh residenti, fejn il-konvenuta ma qablitx mal-mod kif gew *handled* mill-management tal-Fondazzjoni.

Fl-ewwel kaz, l-impjegata giet imkeccija[14], izda l-konvenuta ma qablitx mac-Chief Executive Officer illi l-Fondazzjoni ma kellhiex awtorita' tavza lir-*residential home* li fiha marret tahdem sussegwentement din l-impjegata, bir-raguni ghalfejn din l-impjegata giet imkeccija. Fl-opinjoni tal-Qorti, din kienet kwistjoni li l-konvenuta ma kellhiex ghalfejn tidhol fiha. Ghamlet sewwa li espremiet l-opinjoni taghha, izda ma tistax tippretendi li tikkmanda lis-CEO.

Fit-tieni kaz ta' abbuz, il-konvenuta ma qablitx dwar il-mod ta' kif dan il-kaz gie nvestigat mill-management. Pero, ghal darb'ohra dan kien kaz li jaqa' f'idejn id-dipartiment tal-Human Resources. Il-konvenuta kellha kull dritt tesprimi l-opinjoni taghha, pero mbaghad hija decizjoni tad-dipartiment, kif imexxi l-investigazzjoni. Dan il-konvenuta kienet tafu tant li fl-email li baghtet lis-CEO u lil *Human Resources Department* fit-28 ta' Jannar 2003 – xahar qabel ir-rizenja taghha – il-konvenuta qalet hekk *"… … I feel that I was ethically obliged to express my concerns to Management. I am pleased that, following our meeting on Friday morning, the "Terms of Reference" drawn up for the investigation are in my view very satisfactory."*[15] Fil-fatt, dan l-impjegat spicca tkecca wkoll.[16]

Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, l-ilmenti u d-disgwid li kellha l-konvenuta mal-management tal-Fondazzjoni ma jikkostitwixxux raguni tajba u bizzejjed sabiex jiggustifikaha tittermina l-impjieg. Tant hu hekk li fir-rapport li ghamlet flimkien ma' ufficjali ohra tal-Fondazzjoni fuq il-programm, datat 13 ta' Frar 2003 – ftit granet qabel tat ir-rizenja taghha – fejn giet indikata l-esperjenza li kellhom s'issa tal-programm u fejn saru suggerimenti ghal titjib fil-futur, ma jissemmewx problemi straordinarji, u lanqas jissemmew l-ilmenti tal-konvenuta.[17]

Fl-opinjoni tal-Qorti, il-problema tal-konvenuta hija li ma fehmitx li trid tahdem f'gerarkija u li ghalkemm kellha pozizzjoni gholja fi hdan il-Fondazzjoni, ma setghetx tikkrea stat ghaliha fl-istess

[14] Ara Dok FSH 1 u Dok FSH 2 a fol. 85 u 86 tal-process.
[15] Ara l-email a fol. 69 tal-process.
[16] Ara Dok. FSH 7 a fol. 93 tal-process.
[17] Ara r-rapport a fol. 88-89 tal-process.

Fondazzjoni. Fil-fatt fix-xhieda taghha, hija tinsisti hafna li fid-decizjonijiet taghha kellha tkun awtonoma – haga li ma setghax ikun meta hi kienet impjegata u kellha diversi superjuri fuqha, u l-kuntratt tal-impjieg stess kien jghid li hija trid tirrispondi lic-Chief Executive Officer, jew lill-ufficjali delagati minnu.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, fil-waqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta, tilqa' t-talba attrici, u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-Fondazzjoni attrici s-somma kumplessiva ta' disat'elef sitt mija u tminn Euro u sebgha u sittin centezmu (€9608.67c) ekwivalenti ghal erbat elef mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltija (Lm 4125), bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------